MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2007

Appell Kriminali Numru. 362/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Michael Grech**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Michael Grech talli fis-27 ta’ Mejju 2006 ghall-habta tas-01:05 hrs f’The Strand, Gzira:

(1) Saq l-imsemmija vettura b’manjiera traskurata;

(2) Saq l-imsemmija vettura b’manjiera perikoluza;

(3) Saq l-imsemmija vettura b’ manjiera bla kont;

(4) Saq l-imsemmija vettura b’ giri aktar milli jmissu;

(5) Saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll ta’ vettura Nru. CBI-303 fit-triq jew f’post pubbliku meta ma kienx f’kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;

(6) Gewwa l-Kwartieri General tal-Pulizija irrifjuta jew naqas milli jaghti skond il-ligi kampjun tan-nifs.

Il-Qorti giet mitluba li barra l-piena stabbilita tordna li l-imsemmi Michael Grech jigi skwalifikatmil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perijodu li l-Qorti jidhrilha xieraq;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-8 ta’ Novembru 2006, li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kap. 65, il-MVR 127, l-artikoli 15A u 15E tal-Kap. 65 u l-AttVI/1998, sabet lill-imsemmi Michael Grech hati ta’ l-ewwel imputazzjoni, u kkundannatu ghal-multa ta’ mitt liri Maltin (Lm100.00), izda ma sabitux hati tat-tieni, it-tielet, ir-raba’, il-hames u s-sitt imputazzjonijiet migjuba kontrieh, u ghaldaqstant illiberatu minnhom;

Rat ir-rikors ta’ appell tal-Avukat Generali pprezentat fil-21 ta’ Novembru 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma is-sejbien ta’ htija fuq l-ewwel imputazzjoni, tirrevokaha fejn illiberatu fuq it-tieni sal-hames imputazzjonijiet, issib htija fuq is-sitt imputazzjoni, u tinfliggi il-piena skond il-ligi;

Rat it-talbiet ta’ Dott. Adrienne Agius registrati fis-seduta tas-16 ta’ Frar 2007 sabiex (1) jigi sfilzat l-affidavit ta’ P.C. 99 Mario Portelli peress illi ma hemm ebda indikazzjoni mill-verbal tat-8 ta’ Novembru 2006 illi dan kien gie esebit quddiem l-ewwel Qorti u (2) fi kwalunkwe kaz, sabiex jigu sfilzati z-zewg affidavits – kemm ta’ P.C. 99 Mario Potrelli kif ukoll ta’ P.C. 857 John Laferla – peress illi l-imputazzjonijiet huma delitti u ghaldaqstant ma setghetx tigi pprezentata x-xiehda taghhom permezz tal-procedura ta’ l-affidavit;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti sejra tittratta l-ewwel it-talba li saret minn Dott. Adrienne Agius ghall-appellat sabiex jigu sfilzati z-zewg affidavits li jinsabu a fol. 6 u 7 tal-process. Hija tghid illi din il-procedura a tenur ta' l-artikolu 360A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma setghetx tintuza peress illi l-imputazzjonijiet huma delitti. Effettivament jirrizulta illi hamsa mis-sitt imputazzjonijiet migjuba kontra l-appellat (l-imputazzjonijiet numri 1, 2, 3, 5 u 6) huma delitti filwaqt illi r-raba' imputazzjoni hija kontravvenzjoni. Issa, dak li jippermetti l-uzu tal-procedura skond l-artikolu 360A tal-Kap. 9 mhuwiex jekk imputazzjoni hijiex kontravvenzjoni jew delitt izda jekk taqax fil-parametri tal-piena stabbiliti mill-istess artikolu 360A b'referenza ghall-artikolu 370(1) tal-Kap. 9.

L-imsemmi artikolu 360A jipprovdi:

**"Fi proceduri sommarji ghal reati li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tal-Qorti tal-Magistrati bhala qorti ta' gudikatura kriminali taht l-artikolu 370(1) il-Pulizija tista', flimkien mac-citazzjoni jew f'kull waqt li jigi wara, tinnotifika lill-akkuzat kopji ta' kull affidavit maghmul minn ufficjal pubbliku …."**

L-artikolu 370(1) tal-Kap. 9 imbaghad jiddisponi hekk:

**"Huma ta' kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati –**

**(a) il-kontravvenzjonijiet kollha msemmijin f'dan il-Kodici;**
**(b) id-delitti msemmijin f'dan il-Kodici meta jaqghu taht il-pieni tal-kontravvenzjonijiet, jew tal-multa, jew tal-prigunerija ghal zmien mhux aktar minn sitt xhur biz-zieda jew minghajrha tal-multa jew ta' l-interdizzjoni;**
**(c) ir-reati kollha ikkontemplati f'ligijiet ohra meta jaqghu taht il-pieni msemmijin fil-paragrafu ta' qabel dan, jekk il-ligi ma tkunx tiddisponi xort'ohra".**

Minn ezami ta’ l-artikoli rilevanti tal-Kap. 65 jirrizulta illi l-piena dwar l-ewwel tliet imputazzjonijiet hija ta’ multa ta’ mhux izjed minn mitt lira jew ta’ prigunerija ta’ mhux izjed minn tliet xhur, filwaqt illi l-piena dwar il-hames u s-sitt imputazzjonijiet, fil-kaz ta’ l-ewwel kundanna, hija ta’ multa ta’ mhux izjed minn mitejn lira jew ta’ prigunerija ghal mhux izjed minn tliet xhur jew ghal dik il-multa u prigunerija flimkien, u fil-kaz tat-tieni kundanna jew ta’ kull kundanna ohra warajha, ghal multa ta’ mhux anqas minn hames mitt lira izda mhux izjed minn elf lira jew prigunerija ghal mhux izjed minn sitt xhur jew ghal dik il-multa u prigunerija flimkien.

Dan ifisser illi, f’kull kaz, stante illi l-piena dwar kull wiehed mir-reati hawn in kwistjoni ma teccedix dak previst fil-paragrafu (c) ta’ l-artikolu 370(1) tal-Kap. 9 b’referenza ghall-paragrafu (b) ta’ l-istess subartikolu, il-procedura taht l-artikolu 360A tal-Kap. 9 hi permissibbli. Ghalhekk it-tieni talba maghmula mid-difiza fis-seduta tas-16 ta’ Frar 2007 hi michuda.

Nigu issa ghall-ewwel talba, u cioe` sabiex jigi sfilzat l-affidavit ta’ P.C. 99 Mario Portelli stante illi ma hemm l-ebda indikazzjoni mill-verbal tas-seduta tat-8 ta’ Novembru 2006 li saret quddiem l-ewwel Qorti illi tali affidavit gie esebit waqt dik is-seduta. Hawn hekk id-difiza ghandha ragun. Huwa minnu illi P.C. 99 Mario Portelli gie indikat mill-prosekuzzjoni bhala xhud *in calce* ghac-citazzjoni. Huwa minnu illi l-affidavit ta’ P.C. 99 Mario Portelli jinsab stejpiljat ma’ dak ta’ P.C. 857 John Laferla u illi ghalhekk wisq probabbli dawn iz-zewg affidavits gew esebiti flimkien. **Izda l-ewwel Qorti dan ma qalitux fil-verbal taghha u inoltre ma sar l-ebda notament fuq tali dokument (kif fuq l-ebda dokument iehor) mir-registraur ta’ dik il-Qorti dwar il-produzzjoni ta’ l-istess dokument**. Ghalhekk it-talba ghall-isfilz ta’ l-affidavit ta’ P.C. 99 Mario Portelli hi gustifikata.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad  it-tieni talba li ghamlet id-difiza fis-seduta tas-16 ta’ Frar 2007 izda tilqa’ l-ewwel talba u ghalhekk tordna l-isfilz ta’ l-affidavit  ta’ P.C. 99 Mario Portelli.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------